Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal

MALTA

Ministry for Social Justice and Solidarity, the Family and Children's Rights

*Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta (2019)*

*Malta Social Work Profession Board (2019)*

**Ħarsa Ġenerali lejn il-Pattika tax-Xogħol Soċjali f'Malta**

Il-professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta hija rregolata mill-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, Kap 468 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali huwa l-korp regolatorju mwaqqaf permezz ta' dan l-Att tal-Liġi biex jiżgura standards professjonali tal-prattika tax-Xogħol Soċjali fil-Gżejjer Maltin u l-konformità mal-obbligi stabbiliti. Deskrizzjoni dettaljata tal-funzjonijiet tal-Bord tinsab fl-Artikolu 5 tal-Att.

Persuna tista' tipprattika xogħol soċjali, sakemm wieħed ikollu grad rikonoxxut fix-xogħol soċjali. Dan ifisser il-Grad fix-Xogħol Soċjali (Honours) u l-Master fix-Xogħol Soċjali maħruġa mill-Università ta' Malta, u kwalifika barranija fix-Xogħol Soċjali li hija tal-istess livell akkademiku. Dan ir-rikonoxximent tal-kwalifiki jkun jeħtieġ kuntatt maċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki ta' Malta (MQRIC). Huwa rakkomandabbli li wieħed jippreżenta wkoll transcript tal-kwalifika akkademika tax-xogħol soċjali maħruġa mill-istituzzjoni tal-għotja.

Meta xi ħadd ikun jixtieq jibda jipprattika x-xogħol soċjali f'Malta, malli jibda x-xogħol, min iħaddem għandu jibgħat formola mimlija tad-dokument bit-titlu *Applikazzjoni għall-Ħaddiema Soċjali Impjegati li għandha tintbagħat mill-Organizzazzjonijiet ta' Min Iħaddem*. Barra minn hekk, jekk ħaddiem soċjali ma jkollux warrant rikonoxxut ta' Xogħol Soċjali, għandha tintbagħat lill-Bord formola mimlija ta' *Applikazzjoni għar-Reġistru tal-Ħaddiema Soċjali Li Ma Jkollhomx Warrant*. Jekk ħaddiem soċjali jkollu warrant rikonoxxut ta' xogħol soċjali minn pajjiż ieħor, wieħed għandu jibgħat id-dettalji lill-Bord sabiex tiġi offruta konferma ta' tali rikonoxximent lill-professjonist rispettiv bil-miktub, jekk ikun hemm il-ħtieġa. Jekk tkun meħtieġa xi informazzjoni addizzjonali mill-Bord, l-applikant jiġi kkuntattjat kif meħtieġ.

Ma hemm l-ebda rekwiżit lingwistiku speċifiku għall-prattika tal-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta. Madankollu, ta' min jinnota li l-maġġoranza ta' klijenti megħjuna minn ħaddiema soċjali fil-Gżejjer Maltin ikunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv biss bil-lingwa Maltija.  Hija rakkomandata ħakma tajba tal-lingwa Ingliża, miktuba u mitkellma.

Kull min għandu kwalifika ta' xogħol soċjali rikonoxxuta jista' japplika għal Warrant ta' Xogħol Soċjali f'Malta. Jeħtieġ li tintbagħat *Applikazzjoni għal Warrant ta' Xogħol Soċjali* mimlija lill-Bord. It-tweġiba għandha tiġi kkomunikata lill-applikant sa mhux aktar tard minn erba' (4) xhur. Għall-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni tapplika miżata ta' €25. Il-lista ta' ħaddiema soċjali bil-warrant f'Malta hija ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern f'April ta' kull sena. Din il-lista hija disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Bord.

Il-Bord huwa responsabbli wkoll li jinvestiga kull allegazzjoni ta' kondotta professjonali ħażina, negliġenza jew inkompetenza minn ħaddiem soċjali f'Malta.   Il-Bord josserva l-*Proċedura ta' Inkjesta – il-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali*, sabiex jindirizza sitwazzjonijiet bħal dawn. Kull persuna tista' tibgħat ilment bħal dan lill-Bord, u l-komunikazzjoni meħtieġa tiġi indirizzata fuq bażi ta' każ b'każ.

Kopja tad-dokumenti kollha elenkati f'din il-ħarsa ġenerali huma disponibbli fuq is-sit web tal-Bord, bl-indirizz https://family.gov.mt/swpb/Pages/default.aspx

Jekk ikollok xi mistoqsijiet partikolari, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali.

469, BUGEIA INSTITUTE, ST. JOSEPH HIGH ROAD, ST. VENERA. SVR1012
Telefon: (356) 25494257
Posta elettronika:
swpb@gov.mt